Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/18

**Mary Zammit** **(appellanti)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali** **(appellat)**

30 ta’ Lulju 2018.

1. **Il-każ in kwistjoni jirrigwarda deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali li Mary Zammit tħallas lura s-somma €11,947.77 li jsostni li tħallset indebitament bħala <u>Pensjoni tal-Eta</u>’.**

2. B’avviż tal-1 ta’ Lulju 2014, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Mary Zammit illi hija tħallset żejjed is-somma ta’ €11,947.77 f’ Penzjoni tal-Eta` li hija rċeviet mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali għall-perjodu mis-<u>26 ta’ Jannar 2008 sas-7 ta’ Mejju 2010</u>, “*minħabba li ma għamiltx dak li talbek DSS”*
u li konsegwentement tali ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta’ 10% mill-Pensjoni tal-Eta` li hija tirċievi.

3. Permezz ta’ ittra datata 23 ta’ Lulju 2014 Mary Zammit intavolat appell quddiem l-Arbitru[1] minn tali deċiżjoni. (**File Nru 574B/14**);

4. Fit-23 ta’ Jannar 2015 id-Direttur tas-Sigurta` Soċjali wieġeb biex jgħid għaliex l-appell ta’ Mary Zammit kellu jiġi miċħud. Spjega li r-raġuni il-għala d-Dipartiment kien qed jitlob rifużjoni ta’ €11,927.77 kienet għaliex minn stħarriġ li kien għamel kien irriżulta li Mary Zammit kellha aktar minn

[1] L-Arbitru maħtur skont l-Att Dwar is-Sigurta` Soċjali (Kap 318)

proprjeta` waħda, liema proprjetajiet l-istess Mary Zammit ma ddikjarathomx mad-Dipartiment kif kienet obbligata li tagħmel, u għalhekk ma kienx sodisfatt li l-kapital ta' Mary Zammit ma kienx jeċċedi l-limitu ta' €14,000 (fil-fatt talab korrezzjoni tar-raġuni f' dan is-sens).

5. Fid-29 ta' April 2015, in segwitu għad-dokumenti ppreżentati mill-appellanti, id-Direttur tas-Sigurta' Soċjali aċċenna għall-fatt li fil-kuntratt tas-separazzjoni ta' bin l-appellanti, Kevin Zammit u martu, ġie indikat li l-appellanti hija kreditriċi tal-partijiet fl-ammont ta' €58,234.33 rappreżentanti self li kienet tat lill-partijiet. Għalhekk id-direttur kompla jsostni u jaderixxi mal-kontenut tar-risposta tiegħu tat-23 ta' Jannar 2015.

6. Fid-deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Frar 2018, wara li l-Arbitru kkunsidra illi:

- f'Jannar 2008 binha Kevin Zammit u martu kienu ttrasferewlha b'titolu ta' donazzjoni l-appartament 55/4, Corner Court, Triq it-Turisti c/w Triq l-Imsell, Buġibba;
- f'Ġunju 2010 sar il-kuntratt ta' separazzjoni bejn Kevin Zammit u martu ġie dikjarat (inter alia) li Mary Zammit kienet kreditriċi[2] ta' binha Kevin Zammit u ta' martu fl-ammont ta' Lm25,000 (ekwivalenti għal €58,234.33) rappreżentanti kapital misluf minnha;
- f'Ottubru 2014 (cioe` wara li d-Direttur tas-Sigurta` Soċjali bagħtilha l-avviż tal-1 ta' Lulju 2014) hija ttrasferiet lura l-appartament 55/4, Corner Court, Triq it-Turisti c/w Triq l-Imsell, Buġibba, b' titolu ta' donazzjoni lil binha Kevin Zammit, f' dan l-istadju separat minn martu;

ikkonkluda li meta Mary Zammit silfet il-kapital (ta' €58,234.33) li hija kienet tippossjedi, hija stess ġabet ruħha f'sitwazzjoni fejn ma kellhiex kapital li jeċċedi l-iskala stabbilita mil-liġi. Għalhekk ċaħad tali l-appell ta' Mary Zammit u kkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali tal-1 ta' Lulju 2014. (**Deċ. tal-Arbitru Nru 054/18**)

7. Mary Zammit ħasset ruħha aggravata b' din id-deċiżjoni u għalhekk fis-<u>16 ta' Marzu 2018</u> intavolat rikors tal-appell quddiem din il-qorti fejn talbitha tirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali (tal-1 ta' Lulju 2014).

[2] Skont kuntratt ta' separazzjoni tal-10 ta' Ġunju, 2010 ta' Kevin u Alison konjuġi Zammit.

**L-aggravju tal-appellanti Mary Zammit:**

8. Mary Zammit tilmenta li l-Arbitru ma qiesx illi l-kuntratt ta' donazzjoni tal-2008 li permezz tiegħu binha Kevin Zammit u martu ittrasferewlha proprjeta` b' titolu ta' donazzjoni kien kuntratt fejn ma kien hemm l-ebda kunsiderazzjoni monetarja, u li hija fil-fatt qatt ma kienet verament is-sid tal-proprjeta` iżda sempliċiment silfet isimha biex tgħin lil binha. Għalhekk targumenta li l-Arbitru għamel "żball sagrosant" meta rritjena li hija kienet għażlet li tiddisponi mill-kapital tagħha permezz ta' donazzjoni, għaliex fil-verita` l-proprjeta` qatt ma kienet tagħha. Dwar il-kuntratt tas-separazzjoni, issostni li dak li hemm imniżżel fuqu huwa immaterjali stante li l-kontenut tiegħu jorbot biss lil min iffirma l-kuntratt u mhux lilha, li hija estraneja għall-ftehim.

9. L-appellat id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali fil-5 ta' April 2018 wieġeb biex jgħid għaliex dan l-appell tagħha għandu jiġi miċħud.

**Fatti li jirriżultaw mid-dokumenti esebiti:**

10. Fit-23.06.2000 Kevin Zammit (bin Mary Zammit) u martu Alison Zammit nee Harmsworth xtraw l-appartament: Corner Crt/4, Triq it-Turisti, kantuniera ma' Triq l-Imsell, Buġibba, S Pawl il-Baħar, għall-prezz ta' Lm18,000.

11. Fl-24.01.2008 il-konjuġi Kevin u Alison Zammit ittrasferew b' titolu ta' donazzjoni l-imsemmi appartament 55/4, Corner Court, Triq it-Turisti, kantuniera ma' Triq l-Imsell, Bugibba, S Pawl il-Baħar, (indikat li għandu valur ta' Lm20,000/€46,587.46) lil Mary Zammit, omm Kevin Zammit.

12. Fl-10.06.2010 il-konjuġi Kevin u Alison Zammit (li żżewġu fit-28.10.1995) għamlu kuntratt ta' separazzjoni personali. Huma ddikjaraw (*inter alia*) li Kevin Zammit kellu jħallas is-somma ta' €58,234.33 ekwivalenti għal Lm25,000 lil ommu Mary Zammit, "*a titolu ta' rifużjoni tas-self mogħti lill-*

*partijiet minnha tul iż-żwieġ tagħhom."*

13. Fl-<u>04.01.2011</u> il-konjuġi Kevin u Alison Zammit (legalment separati) biegħu id-<u>dar matrimonjali</u> tagħhom "Mirage", Triq il-Palazz l-Aħmar, kantuniera ma' Triq Pietro Dacoutros, Fleur de Lys, limiti ta' Birkirkara/Santa Venera għall-prezz ta' €216,700. (**Fix-xiehda tagħha tad-09.06.2013, Mary Zammit qalet li hija ma ħadet xejn mill-bejgħ**).

14. Fis-<u>07.03.2013</u> ingħata digriet mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familija) li permezz tiegħu Kevin Zammit ingħata l-kustodja tat-tliet ulied li għandu ma' Alison Zammit, u għalhekk bdew jirrisjedu miegħu.

15. Fl-<u>01.07.2014</u> id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali informa lil Mary Zammit li hija tħallset €11,947.77 żejda in linea ta' Pensjoni tal-Eta`għall-perjodu bejn 26.01.2008 u 07.05.2010, u li allura tali ammont kellu jiġi rifuż.

16. Fl-<u>14.10.2014, (u cioe` tlett xhur u nofs wara l-avviż tad-Direttur tas-Sigurta` Soċjali) Mary Zammit ittrasferiet b' titolu ta' donazzjoni</u> l-appartament 55/4, Corner Court, Triq it-Turisti, kantuniera ma' Triq l-Imsell, Bugibba,S Pawl il-Baħar (indikat li għandu valur ta' €46,600) <u>lil binha Kevin Zammit</u>, issa separat minn martu, u bil-kura u l-kustodja ta' uliedu f' idejh.

17. Skont il-"*Property Transfers*" ta' Mary Zammit maħruġa mit-*Tax Compliance Unit* jirriżulta li fil-perjodu <u>1999-2014</u>[3] saru s-segwenti trasferimenti ta' proprjeta` li fihom kienet involuta l-istess Mary Zammit:

**<u>Bħala venditrici</u>**:

| | |
|---|---|
| 03.02.2007 | fond nru 15, Triq de Rohan, Marsaskala[4]<br>prezz: €44,258 |
| 03.05.2010 | maisonette nru 36, Moonglow, Triq l-Akwedott, Birkirkara[5]<br>prezz: €140,000 |

**<u>Bħala kompratriċi/donatarja</u>**:

[3] Last refreshed on 18.03.2014 (għalhekk id-donazzjoni li saret f' Ottubru 2014 mhix indikata).
[4] Mary Zammit kienet venditriċi flimkien ma' 16-il persuna oħra.
[5] Mary Zammit kienet l-unika venditriċi.

| | |
|---|---|
| 24.01.2008 | flat nru 55/4, Corner Court, Triq it-Turisti, S Pawl il-Baħar[6]<br>valur tal-flat mogħti b' donazzjoni lil Zammit: €46,587<br>(Revised value: €81,487) |
| 30.09.2008 | garage nru 4, Blue Lagoon, Triq il-Mazzola, Bugibba[7]<br>prezz li bih inxtara: €13,976 |
| 25.09.2009 | flat nru 13, Park View, Unnamed Street c/w Triq il-Fliegu, S Pawl il-Baħar<br>prezz li bih inxtara: €107,000<br>(Revised value: 136,000) |

18. Jirriżulta wkoll mill-korrispondenza esebita u min-notamenti fuq il-file tal-Arbitru, fl-2014 Mary Zammit kienet tabita f' Corner Court 55/4, Triq l-Imsell, S Pawl il-Baħar, u sussegwentement marret tabita Park View, Flat 13, Triq Ġdida fi Triq il-Fliegu[8], S Pawl il-Baħar. Dan jidher li huwa l-aħħar post tar-residenza tagħha. <u>Mhux magħruf pero` liema kienet ir-residenza tagħha fil-perjodu in kwistjoni: 26.01.2008 sa 07.05.2010</u>.

**<u>Liġi applikabbli:</u>**

19. <u>L-Artikolu 66(1)(b)(ii) tal-Kap 318</u> jipprovdi li biex persuna tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Eta` (mhux kontributorja), trid turi li:

*"l-mezzi tiegħu/tagħha fil-ġimgħa kalkolati skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ma jkunux iżjed mill-ogħla rata ta' Pensjoni tal-Eta`…."*

20. <u>Paragrafu 1 tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda</u> jistipula illi:

*"Sabiex jinħadmu x' inhuma l-mezzi għall-finijiet tal-Artikoli 66 u 68(2)(a), għandhom jitqiesu kull proprjeta` inkluża kull proprjeta` mqiegħda fi trust (minbarra d-dar tar-residenza) dħul jew privileġġ skont kif imsemmi fil-paragrafu 1 tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda; u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, meta l-limiti indikati fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda jinqabżu, il-persuna li tkun qed titlob li tingħta Pensjoni tal-Eta` …,* ***għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik il-pensjoni:***

*Iżda fil-kalkolu tal-mezzi skont dan il-paragrafu, minflok il-limiti stipulati fil-proviso li hemm*

[6] Mary Zammit kienet l-unika donatarja.
[7] Mary Zammit kienet l-unika kompratriċi.
[8] Kif jidher mill-atti quddiem din il-qorti, t-triq sussegwentement issemmiet Triq l-Indipendenza.

*mal-paragrafu 1(a)* [9] *tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda, għandhom minflok jitqiesu fil-kalkolu tal-mezzi* ***€14,000 fil-każ ta' persuna waħedha*** *jew ta' armel jew armla jew €23,300 fil-każ ta' persuna miżżewġa".*

21. Paragrafu 3 tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda imbagħad jipprovdi illi:

*"Il-proprjeta` jew dħul li għandhom ikunu kalkolati għall-finijiet ta' din it-Taqsima skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima għandhom jinkludu kull proprjeta` jew dħul li l-persuna konċernata l-persuna konċernata* ***tkun direttament jew indirettament ċaħdet lilha nnifisha minnhom sabiex ikollha jedd għall-Pensjoni tal-Eta`*** *..... jew biex ikollha jedd għal rata aktar vantaġġjuża...."*

## Konsiderazzjoni.

22. Din il-qorti tosserva li r-raġuni għaliex l-Arbitru ċaħad l-appell ta' Mary Zammit kienet minħabba li fil-kuntratt ta' separazzjoni ġie indikat li hija kienet kreditriċi tal-konjuġi Zammit fl-ammont ta' €58,234.33. L-Arbitru kkonkluda illi meta hija "*silfet kapital illi hija kienet tippossjedi*" ġabet ruħha f' sitwazzjoni fejn ma kellhiex kapital li jeċċedi[10] l-iskala stabbilita.

23. Għalhekk l-aggravju ta' Mary Zammit in kwantu tilmenta li l-Arbitru irritjena li għażlet li tiddisponi minn kapital "*permezz ta' donazzjoni*" tal-fond hija erronja. L-Arbitru ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li Mary Zammit silfet kapital ta' €58,234.33 lil binha u lil martu (tul iż-żwieġ tagħhom mill-1995 sal-2010) u mhux fuq il-fatt li f'Ottubru tal-2014 ittrasferiet b' donazzjoni l-appartament

---

[9] Paragrafu 1, Taqsima I.

"*Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-Artikolu 12* **(Eżenzjoni mill-ħlas ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi)** *għandu jitqies:*

*(a) il-valur ta' kull proprjeta` inkluża kull proprjeta` mqegħda fi trust (minbarra d-dar tar-residenza) ta' dik il-persuna li tkun, jew tista' tkun, investita jew tintuża bi qligħ, bl-esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija u ħwejjeġ oħra personali:*

*Iżda meta l-flus fil-bank u fl-idejn (inklużi xi assi likwidi, depożiti għal xi żmien, bonds, stocks, azzjonijiet jew titoli oħra), flus imqegħda f' xi trust u l-valur kapitali ta' kull proprjeta` immobbli urbana inkluż it-tqegħid kollu ta' dik il-proprjeta` fi trust (b'esklużjoni tad-dar tar-residenza) li ma tkunx qed tintuża bi qligħ, ikunu flimkien jaqbżu €9,320 fil-każ ta' persuna waħedha jew ta' armel jew armla, jew €16,310 fil-każ ta' persuna miżżewġa, il-persuna li tkun qed titlob eżenzjoni mill-ħlas ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi għandha titqies li ma tkunx intitolata għal din l-eżenzjoni."*

[10] Erronjament l-Arbitru qal "*ġabet ruħha f' sitwazzjoni illi ma kellhiex għad-dispożizzjoni tagħha kapital li ma jeċċedix l-iskala stabbilita*" meta ovvjament ried jgħid "*ġabet ruħa f' sitwazzjoni illi ma kellhiex għad-dispożizzjoni tagħha kapital li jeċċedi l-iskala stabbilita."*

55/4 Triq it-Turisti c/w Triq l-Imsell, Buġibba. Fil-fatt dan il-każ jirrigwarda l-allegat ħlas indebitu ta' Pensjoni tal-Eta` għall-perjodu 24 ta' Jannar 2008 sas-7 ta' Mejju 2010, u sa Mejju 2010 Mary Zammit kienet għadha ma ttrasferietx il-fond b'donazzjoni lil binha.

24. Dwar id-dikjarazzjoni li għamlu Kevin Zammit u martu fil-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom tal-2010 li Mary Zammit kienet silfithom is-somma ta' €58,234.33, għalkemm huwa minnu li Mary Zammit ma kinitx firmatarja ta' tali kuntratt, u għalkemm huwa minnu wkoll li tali kuntratt jorbot biss lill-firmatarji, hija ma kkontestatx tali dikjarazzjoni. Kull ma qalet hu li meta nbiegħ il-fond, ma rċevietx dik is-somma.

25. F'kull każ, fir-rigward ta' dan l-appell japplikaw ukoll *mutatis mutandis* il-konsiderazzjonijiet kollha li din il-qorti diġa' għamlet fl-appell numru 1/2018 deċiż illum, għal dak li jirrigwarda l-appartament numru 4, Corner Court, Triq Imsell, San Pawl il-Baħar. Il-qorti ma tarax il-ħtieġa li toqgħod tirrepeti dak li diġa qalet fl-imsemmija sentenza, li għandu japplika wkoll għal dan il-każ. Matul il-perjodu in kwistjoni (**26.01.2008 u 07.05.2010**) l-appartament kien proprjeta tal-appellanti. Fil-kuntratt ta' donazzjoni tal-24 ta' Jannar, 2008 kien iddikjarat li l-fond għandu valur ta' €46,587.46. L-istess japplika għall-garaxx fi Triq il-Mazzolla, Buġibba. Sabiex l-appellanti tirnexxi fit-teżi tagħha li kienet biss prestanome, mhuwiex biżżejjed li tixhed li ttrasferiet il-proprjeta, *"... peress illi l-istess żewġ proprjetajiet kienu oriġinarjament inxtraw minn flus l-imsemmi Kevin Zammit".* Fil-kuntratt fir-rigward tal-appartament f'Corner Court, ma jingħadx li l-appellanti kienet qegħda żżomm il-fond f'isimha bħala prestanome ta' binha u martu. Fir-rigward tal-garaxx fi Triq il-Mazzolla, lanqas ma ppreżentat kopja tal-kuntratti relattivi.

26. In vista ta' dan u anke in vista tal-lista tat-trasferimenti ta' immobbli maħruġa mit-*Tax Compliance Unit* fejn jirriżulta li Mary Zammit kienet involuta f' diversi trasferimenti ta' proprjeta`, din il-qorti tinsab sodisfatta li r-riżorsi kapitali ta' Mary Zammit għall-perjodu bejn is-26 ta' Jannar 2008 u s-7 ta' Mejju 2010,

kienu fil-fatt jeċċedu l-ammont ta' €14,000 (u dan anke jekk f' tali perjodu kienet tabita f' waħda mill-proprjetajiet u allura l-valur rispettiv tagħha ma jgħoddx għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kapital). Jiġi aċċennat ukoll il-fatt illi Zammit ma ressqet l-ebda prova biex turi li fl-imsemmi perjodu l-appartament 55/4 Corner Flats , Triq it-Turisti c/w Triq l-Imsell, Buġibba li kien jidher fuq isimha ma kienx fil-fatt proprjeta` tagħha, kif targumenta fir-rikors tal-appell odjern.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell ta' Mary Zammit u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru tat-13 ta' Frar 2018. Spejjeż a karigu tal-appellanti Mary Zammit.**

Anthony Ellul.